Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 18 ta' Marzu 2026**
**(OR. en)**

**6706/26**

**CDR 29**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru supplenti, propost mir-Renju tal-Iżvezja, fil-Kumitat tar-Reġjuni - Adozzjoni |

1. Permezz ta' ittra tas-16 ta' Jannar 2026[1], is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bi tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu s-Sur William ELOFSSON, membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni, ġie propost għall-ħatra u maħtur.

2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi, jaħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

[1] 5442/26.

3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur William ELOFSSON, il-Gvern Żvediż ippropona[2] lis-Sur Adam RYDSTEDT, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettorali ta' awtorità lokali, *Ledamot i kommunfullmäktige, Hudiksvalls kommun* (Membru tal-kunsill muniċipali, il-muniċipalità ta' Hudiksvalls), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni, kif jinsab fid-dokument 6718/26, u jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

---

[2] 6932/26.